MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 949/2004

Maria Victoria u Joseph konjugi Borg
vs
Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta`

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-attrici kienet ir-"*registered owner*" tal- vettura numru VIV 515 Rover u l-attur kellu l-kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-23 ta' Lulju 2002 fil-11.58 a.m. f'Alfred Craig Street, Pieta`.

Illi l-atturi kellhom licenzja tas-sewqan skond il-*Motor Vehile Regulations* tal-1994 biex isuqu '*light car'.*

Illi l-attrici kienet giet imharrka fuq kontravvenzjoni ghal "parkjar minghajr permess f'zona rizervata" f'Tal-Pieta`

minghajr ma kienet qed issuq u minghjar ma kellha l-kontroll ta' l-imsemmija vettura u kkundannata thallas is-somma ta' ghoxrin (Lm20), liema somma kellha tigi mhallsa taht protesta sabiex tkun tista' tiggedded il-licenzja tal-vettura.

Illi r-registrazzjoni ta' l-ammenda ta' Lm20 imposta fuq l-attrici kienet nulla u bla effett peress li hija ma kellhiex il-kontroll fuq il-vettura numru VIV 515 Rover fit-23 ta' Lulju 2002 fil-11.58a.m. u ma kenitx qed issuqha, stante li l-ligi ma kenitx tippermetti '*vicarious liability'* fil-kamp penali.

Illi l-ebda ligi f'Malta ma kienet tipprovdi ghal xi hlas partikolari sabiex persuna tkun tista' tipparkja l-vettura taghha f'zona rizervata.

Illi l-artikolu 33 ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali kien isemmi l-funzjoni tal-Kunsill biex "jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa … u jzomm fi stat tajjeb postijiet ghal nies bil-mixi u ghall-ipparkeggjar …", izda ma kienx jaghti s-setgha lill-Kunsill li jimponi zona jew zoni rizervati ghar-residenti tal-lokal.

Illi l-atturi kienu jhallsu l-istess licenzja tas-sewqan bhal sewwieqa ohra fl-istess kategorija u ghalhekk kellhom l-istess drittijiet u obbligi bhas-sewwieqa l-ohra, minghajr preferenza, ghazla jew trattament differenzjali.

Illi l-Isptar San Luqa f'Tal-Pieta` jircievi pazjenti u vizitaturi minn Malta u Ghawdex kollu u ghalhekk ma kienx jista' l-Kunsill Lokali tal-Pieta` jirrizerva z-zona ta' parkegg ghar-residenti a detriment tal-bqija tal-abitanti tal-Gzejjer Maltin.

Illi l-impozizzjoni ta' zona rizervata ghar-residenti ta' Pieta` kienet '***ultra vires***' is-setghat li kellu l-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, minbarra li kienet mizura preferenzjali.

Illi l-atturi kienu ressqu ilment quddiem l-Ombudsman, izda dan ma kien ha l-ebda decizjoni. Minflok, wiehed mill-Case Officers kien esprima l-fehma tieghu li s-subinciz (d) ta' l-artikolu 33 "jkopri l-iskema ta' pparkjar tal-

Kunsill Lokali Pieta li dwaru inti lmentajt". Dan zgur ma kienx il-kaz.

Illi la l-Motor Vehicle Regulations ta' 1994 u lanqas xi ligi ohra ma kienet tipprovdi li kellu jsir il-hlas biex wiehed jezercita d-dritt li jipparkeggja l-vettura tieghu fit-toroq ta' Malta u Ghawdex.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-registrazzjoni ta' l-ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20) imposta fuq l-attrici hija nulla u bla effett peress li hija ma kellhiex il-kontroll tal-vettura numru VIV 515 Rover fit-23 ta' Lulju 2002 fil-11.58a.m. u ma kenitx qed issuqha, stante li l-ligi ma tippermettix '*vicarious liability'* fil-kamp penali.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-impozizzjoni ta' zona riservata ghar-residenti hija '***ultra vires***' is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, minbarra li hija mizura preferenzjali.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-Kunsill Lokali Pieta' agixxa '***ultra vires'*** is-setghat tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur.

4. Tiddikjara nulla u bla effett il-kontravvenzjoni numru 071-07367-1 ghal ipparkjar f'zona riservata.

5. Tiddikjara nulla r-registrazzjoni li saret fil-Licensing Office dwar l-ammenda ta' l-ghoxrin (Lm20) imposta fuqu.

Bl-ispejjez inkluzi, dawk ta' l-ittra privata tal-5 ta' Novembru 2002 u ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 2004.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi l-ewwel talba attrici kienet infondata, fil-fatt u fid-dritt, stante, illi, ai termini tal-artikolu 55 (3) tal-Kap 65, il-persuna li fuqha kienet registrata l-vettura kienet responsabli ghar-reat li dwaru kien akkuzat salv eccezzjonijiet illi kienu setghu jqajmu l-atturi fit-Tribunal Lokali ta' l-Imsida, quddiem liema Tribunal l-atturi kienu naqsu milli jidhru b'mod illi l-akkuza mahruga kienet giet meqjusa bhala ammessa ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 291 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi t-talbiet l-ohra atturi kienu kollha infondati, fil-fatt u fid-dritt, stante li s-sinjali kollha meritu tal-kawza kienu saru skond il-Ligi u l-Kunsill Lokali tal-Pieta` kien agixxa entro t-termini tal-Ligi;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Joseph Borg</u> li fih issemma li hu ghandu l-licenzja tas-sewqan skond il-***Motor Vehicle Regulations*** tal-1994 biex isuq ***light car***. Fit-23 ta' Lulju 2002 kellu fil-pussess tieghu l-vettura Rover bin-numru VIV 515. Kellu bzonn imur b'urgenza l-isptar ghax kellu infezzjoni f'ghajnejh. X'hin ipparkja fi Triq Alfred Craig ma ndunax li kien hemm tabella li tipprojbixxi l-ipparkjar. Meta rritorna sab li kellu tahrika ta' kontravvenzjoni ghal

ipparkjar f'zona riservata ghar-residenti f'Tal-Pieta` u gie kundanat ihallas is-somma ta' ghoxrin Lira (Lm20), somma li kelli jhallasha bi protest biex ikun nista' jgedded il-licenzja tas-sewqan, ghax altrimenti ma jithalliex jaghmel dan. Hu hallas il-licenzja tas-sewqan bhal sewwieqa ohra fl-istess kategorija u li hassu diskriminat bejn cittadini residenti tal-Lokal u cittadini mhux residenti. Sostna li peress li l-Isptar jircievi pazjenti u vizitaturi minn Malta u Ghawdex, il-Kunsill ta' Pieta' ma jistax jirriserva zoni ta' parkegg ghar-residenti a detriment tal-bqija tal-abitanti tal-Gzejjer Maltin. Tressaq ukoll ilment quddiem l-Ombudsman, izda dan ma ha l-ebda decizjoni.

Xehed Joseph Borg u qal li hu joqghod Swieqi u la kien u anqas hu residenti tal-Pieta`. Hass li kien diskriminat kontra fil-bicca xoghol tal-***parking*** u dan ghaliex sostna li ghandu jkollu l-istess drittijiet bhan-nies li joqghodu tal-Pieta` ghax ihallsu l-istess licenzja u ma hemm l-ebda raguni ghaliex hu ghandu jkun f'pozizzjoni inferjuri minn min joqghod tal-Pieta`. Dak il-hin li pparkja kien diehel l-isptar u ma kienx induna b'ebda sinjal specjali. Kien wara, meta hareg mill-isptar u kellu ***reserved for Pieta` residents*** li f'dak l-istadju hu mbaghad kien induna li kien hemm ***reserved for Pieta` residents*** u kien hemm is-sinjal. Ma kienx jaf li hemm kaxex kulur differenti. Qal li s-Swieqi kienu ser jaghmlu skema simili u hu kien wiehed minn dawk li kien ipprotesta. Qal li hu kien qieghed jipprova jipparkja post iehor u kien qieghed fil-***queue*** u mbaghad sab dan il-post u dahal fih. Qal li s-***slot*** kien vojt mhux ra lil xi hadd hiereg minnu. Sostna li l-Kunsill ma kellu ebda awtorita` jaghmel din l-iskema.

Gie prezentat affidavit ta' Victoria Borg li fih issemma li hi l-persuna indikata bhala ***registered owner*** tal-vettura tal-marka Rover b'numru VIV-515. Fit-23 ta' Lulju 2002 il-vettura kienet misjuqa minn zewgha Joseph Borg li jigi l-attur l-iehor.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Malcolm Mifsud li fih issemma li fl-2002 l-Kunsill kien gie moghti d-devoluzzjoni

ta' ***car park*** fi Triq Alfred Craig. Il-Kunsill ghamel diversi xogholijiet biex inaddaf il-***car park*** u jintroduci sistema ta' ***ticketing***. Il-Kunsill ghamel diversi sinjali fit-toroq principali madwar il-***car park***. L-uniku triq biex tidhol fil-***car park*** kienet Triq l-Ursolini. Ix-xhud sostna li wara li raw il-ligi tal-Kunsilli Lokali kkonkludew li ma kienx hemm bzonn ta' ***bye-laws*** u permessi mill-Awtorita` tat-Trasport ghal dan il-ghan. Sostna wkoll li l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsilli Lokali jistghu jaghmlu sinjali tat-traffiku. Kompla jghid li f'kaz ta' citazzjonijiet id-decizjoni hija tal-Kummissarju tal-Gustizzja u l-Kunsill ma jistax jidhol fid-decizjoni tieghu. Qal li l-attur ma deherx ghas-seduta u dik tigi meqjusa bhala ammissjoni.

Xehed <u>Dr. Malcom Mifsud</u> u mistoqsi dwar ghal liema dispost tal-ligi huma ghamlu r-restrizzjonijiet irrisponda li l-Kunsilli Lokali huma regolati bl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali tal-1993, fl-artikolu 33 hemm elenku ta' responsabbiltajiet diretti li ghandu l-Kunsill Lokali. Wahda minn dawn id-disposti tghid li l-Kunsill ikun jista' jirregola l-***parking*** fl-***areas*** tieghu. Minstoqsi dwar l-artikolu "***The parking problem***" li kien kiteb fit-2 ta' Frar 2003 u li kien gie pubblikat fit-***Times*** ikkonferma li dan l-artikolu kien kitbu, inkluz li kien kiteb li ma riedux jiddiskriminaw kontra l-vizitaturi. Dwar il-***background*** tal-problema li hemm nghid li l-***car park*** li hemm hdejn l-isptar gie f'idejn il-Kunsill Lokali. Huma ghamlu diversi sinjali ta' direzzjoni biex jindikaw fejn hu l-***car park***. Ovvjament kien hemm problema wkoll li r-residenti sabu ruhhom f'sitwazzjoni fejn hemmhekk ma setghux jipparkjaw, allura biex itaffu ftit il-problema krew dawn il-***parking places*** li sostna li jezistu anke f'lokalitajiet ohra. Hu kien gie nfurmat li anke fis-Swieqi kellhom l-intenzjoni li jaghmlu hekk izda ma kienx jaf jekk sarux. Qal li din is-sistema fil-Pieta` llum zviluppat. Mistoqsi dwar jekk il-Kunsill Lokali tal-Pieta` kellux il-permess tal-ADT biex fil-fatt idahhal dawn ir-regoli fis-sehh jew le rrisponda li fil-fehma taghhom ma kienx rikjest dan il-permess, izda qal li kienu saru xi inkontri. Permess tal-MEPA qatt ma gabu pero` x-xhud sostna li dan ma kienx necessarju.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi fol 41 sa 43 u osservat li l-konvenuti ghalkemm moghtija l-fakulta` jipprezentaw nota baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jirrizulta li fit-23 ta’ Lulju, 2002 inhareg ***parking ticket offence*** lill-attrici Maria Victoria Borg li kienet ir-***registered owner*** tal-vettura VIV-515 Rover u dan f’Alfred Craig Street, Pieta` ghalkemm il-vettura ma kenitx misjuqa minnha. Minn analizi tac-citazzjoni jemergi car li l-atturi li ghandhom licenzja tas-sewqan skond il-***Motor Vehicle Regulations*** tal-1994 biex isuqu ***light car*** qeghdin jikkontestaw is-setgha tal-Kunsill Lokali tal-Pieta` li jimponi fuq is-sewwieqa zona riservata f’Tal-Pieta` kif ukoll il-hlas li kellu jsir taht protesta sabiex tkun tista’ tiggedded il-licenzja tal-imsemmija vettura. Huma jsostnu n-nullita` tal-impozizzjoni tal-imsemmija emenda stante li l-ligi ma tippermettix ***vicarious liability*** fil-kamp penali. Sostnew li l-artikolu 33 tal-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali ma jaghtix is-setgha lill-Kunsill li jimponi zoni rizervati ghar-residenti tal-lokal, u li huma hallsu l-licenzja tas-sewqan bhal sewwieqa ohra fl-istess kategorija u ghalhekk ghandhom l-istess drittijiet u obbligi tas-sewqan bhas-sewwieqa l-ohra minghajr preferenza jew ghazla ghal trattament preferenzjali u ghalhekk hassew li l-impozizzjoni ta’ zona riservata kienet wahda ***ultra vires***.

Min-naha taghhom il-konvenuti sostnew li t-talba attrici hija infondata ai termini tal-artikolu 55(3) tal-Kap 65 ghax il-persuna li fuqha hija registrata l-vettura hija responsabbli ghar-reat li dwaru kien akkuzat salv eccezzjonijiet li setghu jqajmu l-atturi fit-Tribunal Lokali tal-Msida, quddiem liema Tribunal l-atturi naqsu milli jidhru u l-akkuza giet meqjusa bhala ammessa ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 291. Sostnew li s-sinjali mertu tal-kawza saru skond il-ligi u li l-Kunsill Lokali tal-Pieta` agixxa entro t-termini legali.

L-attur ghamel enfasi fuq il-fatt li hu hass li kien diskriminat kontra fil-bicca xoghol tal-***parking*** u dan ghaliex sostna li ghandu jkollu l-istess drittijiet bhan-nies li joqghodu tal-Pieta` ghax ihallsu l-istess licenzja u ma hemm l-ebda raguni ghaliex hu ghandu jkun f’pozizzjoni

inferjuri minn min joqghod tal-Pieta`. Sostna li l-Kunsill ma kellu ebda awtorita` jaghmel din l-iskema minn fejn ir-residenti tal-Pieta' jkunu privileggjati.

Min-naha l-ohra l-Kunsill Lokali tal-Pieta' sostna li ma kienx hemm bzonn ta' ***bye-laws*** u permessi mill-Awtorita` tat-Trasport. Sostna li dak li jirregola l-posizzjoni huwa l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsilli Lokali jistghu jaghmlu sinjali tat-traffiku. Il-Kunsilli Lokali huma regolati bl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali tal-1993, u fl-artikolu 33 hemm elenku ta' responsabbiltajiet diretti li ghandu l-Kunsill Lokali. Wahda minn dawn id-disposti tghid li l-Kunsill ikun jista' jirregola l-***parking*** fl-***areas*** tieghu. Semma li kien hemm problema wkoll li r-residenti sabu ruhhom f'sitwazzjoni fejn hemmhekk ma setghux jipparkjaw.

Hawn il-Qorti trid tezamina l-aspetti legali fl-isfond uman. Infatti ma jistax wiehed ma jqisx l-aspett uman. Min-naha l-Qorti trid tapprezza l-problema tar-residenti tal-Pieta` li jmorru d-dar kull x'hin imorru jsibu vetturi ta' haddiehor quddiem djarhom; u bl-istess mod ir-residenti tal-Belt; in-nies li joqghodu l-Imdina ghandhom problema simili; Ghawdex ukoll jista' jkollu problemi simili u hafna postijiet ohra. Izda ma tistax il-qorti fuq l-aspett uman ma tqisx il-povru cittadin li gurnata minnhom jidhol il-Belt u jaqla' citazzjoni u ghalhekk imur sal-Hamrun u hemm jaqla' ohra; wara jitla' sa l-Imdina u jaqla' ohra; wara jmur jara lil xi familjari l-isptar u jaqla' ohra ghax dawn il-lokali ghamlu ***parking*** ghar-residenti. Wara li jkun qala' r-raba' citazzjoni jmur id-dar tieghu fejn ma hemmx ***residential parking*** u jsib li ma jistax jipparkja ghax hemm nies mill-Belt, minn tal-Pieta', mill-Hamrun, mill-Mdina ecc – il-qorti tista' timmagina l-espressjoni ta' din il-persuna! Jekk inkomplu hekk mhux ser inkunu cittadini ta' Malta izda xi sittin pajjiz ghax povru hu min ma jaghmilx il-***parking*** ghar-residenti. Jew ser ikun hemm regoli ghal kullimkien jew imkien.

Izda bhala qorti l-obbligu hu aktar l-aspett legali ghax l-aspett uman jaspetta aktar lill-politiku li jaghmel dawn l-evalwazzjonijiet. L-ewwel talba ta' l-atturi hija n-nullita` ta'

l-ammenda peress li l-attrici ma kellhiex il-kontroll tal-vettura u ma kienitx qed issuqha, stante li l-ligi ma tippermettix '*vicarious liability'* fil-kamp penali. Izda l-qorti hawn trid thares lejn l-artikolu 55 (3) tal-Kap 65 fejn il-persuna li fuqha hija registrata l-vettura hija responsabli ghar-reat li dwaru kien. Ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali r-responsabbilta' hija personali l-atturi lanqas biss ippruvaw jattakkaw id-dispost tal-ligi dwar dan. Dan l-artikolu jezisti u ghalkemm l-atturi setghu agixxew mod iehor ghazlu din il-procedura. Ghalhekk il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad l-ewwel talba.

It-talbiet l-ohra jsemmu li l-impozizzjoni ta' zona riservata ghar-residenti hija '***ultra vires****'* is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, minbarra li hija mizura preferenzjali, u ghalhekk ghandu jigi dikjarat li l-Kunsill Lokali Pieta' agixxa '***ultra vires'*** is-setghat tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur bil-konsegwenti nullita` tal-kontravvenzjoni ghal ipparkjar f'zona riservata, u nullita` tar-registrazzjoni li saret fil-Licensing Office. Jinkombi ghalhekk fuq il-qorti li tezamina jekk dak li sar kienx a tenur tal-ligi.

Il-ligi dwar il-Kunsilli Lokali taghti s-setgha lill-Kunsilli li jaghmlu bye-laws a tenur tal-Att XV tal-1993. Izda dan ma jwassalx ghad-dritt ta' trattament differenti ta' cittadini maltin. Veru li l-Kunsilli Lokali jistghu jaghmlu sinjali tat-traffiku izda dan ma jghidx li cittadini maltin jistghu jigu trattati b'mod differenti. Ma kien hemm ebda permess tal-ADT dwar dawn ir-regoli. Dak li ghamel il-Kunsill ma kienx semplicement sinjal tat-traffiku bhal tabelli fit-toroq u sinjali fl-art biex jirregola c-cirkolazzjoni tat-traffiku APPLIKABBLI GHAL KULHADD. Zona riservata tista' tkun gustifikata bhala mizura ta' sigurta` [minhabba interess pubbliku parking ta' vetturi tal-Bank bil-flus, jew banka tal-lottu, jew tfal li jattendu skola] jew fuq bazi umanitarju [ghal persuni b'dizabilita']. Izda dak li ghamel il-Kunsill kien li javvantagga lir-residenti ta' lokalita' fuq dawk ta' lokalita' ohra u ma hemm ebda interess pubbliku. Inoltre l-artikolu 33 tal-Att XV tal-1993 [Kap 363] jsemmi:

(*a*) li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija, li ma tkunx proprjetà privata:
Izda l-manutenzjoni ghar-rigward ta' xi triq jew moghdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar taghha, izda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni taghha;..

(*d*) li jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skond livelli nazzjonali u internazzjonali, li jinstalla u jzomm funzjonali *bus shelters* skond *standards* u specifikazzjonijiet stipulate mill-awtorità tat-trasport kompetenti, li jistabbilixxi u jzomm fi stat tajjeb postijiet ghal nies bil-mixi u ghall-ipparkeggjar u biex jipprovdi ghall-harsien tat-tfal ta' l-iskola qrib l-iskejjel;

Minn imkien ma jirrizulta li dan l-artikolu jaghti s-setgha lil Kunsill Lokali li jiddiskrimina favur ir-residenti ta' lokalita'. Kull min ihallas l-istess ammont ghall-licenzja huwa intitolat ghall-istess drittijiet. Wiehed irid jiftakar li l-Isptarr San Luqa jilqa' cittadini ta' Malta minn kull lokalita' ta' Malta u Ghawdex. Il-kaz setgha jkun differenti kieku f'Malta kollha l-Kunsilli jaghtu trattament preferenzjali lir-residenti taghha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi wara li l-qorti cahdet l-ewwel talba tal-atturi;
Tiddikjara li l-impozizzjoni ta' zona riservata ghar-residenti hija '***ultra vires***' is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali fuq dan l-aspett, minbarra li hija mizura preferenzjali;
Tiddikjara u tiddeciedi li l-Kunsill Lokali Pieta' agixxa '***ultra vires'*** is-setghat tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur;
Tiddikjara nulla u bla effett il-kontravvenzjoni numru 071-07367-1 ghal ipparkjar f'zona riservata;
Tiddikjara nulla r-registrazzjoni li saret fil-Licensing Office dwar l-ammenda ta' l-ghoxrin (Lm20) imposta fuqu.

Spejjez zewg terzi ghall-konvenuti u terz ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------